MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Numru 1250/2010

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Jean Paul Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 345193(M), akkuzat talli fit-3 ta’ Novembru 2010, ghal habta tad-disa’ ta’ fil-ghaxija, waqt li kien fi Triq C. De Brocktoriff, Msida u/jew fil-vicinanzi:

1. Seraq set pjanci ta’ registrazzjoni ta’ Austin Mini bin-numru IAG981 ghad-dannu ta’ Julian George Christians, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bix-‘xorta ta’ haga misruqa’.

2. fl-istess data, seraq vettura ta' l-ghamla Fiat minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma l-istess vettura ma kellha licenzja ghat-triq.
3. fl-istess data saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.
4. fl-istess data saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti mitluba li tiskwalifika lill-imputat milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw serq u sewqan bla kopertura ta' licenzja u polza ta' assikurazzjoni. L-ammissjoni tieghu hija riflessa wkoll fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija. Jirrizulta pero' li fid-data relattiva l-kummissjoni tar-reati l-imputat kien minorenni ghalhekk japplika l-Artikolu 37 tal-Kap 9.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu konsegwentement li, wara li rat l-Artikolu 261(f)(g), 270, 271(g), 281, 37, 31 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u l-Artikolu 3 tal-Kap 104, tikkundannah 18-il xahar prigunerija sospizi ghal 4 snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tordna bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 li l-perjodu tas-sentenza sospiza inferiti fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' Mejju 2010 jigi estiz ghall-perjodu ta' 18-il xahar mill-lum.

Fl-ahharnett tissospendi kull licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal tlett xhur mill-lum dekoribbli mit-23 ta' Lulju 2011.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------